**It-Tlieta**

**L-Ewwel ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**
1.
Sid bla qjies, int ġbart f'post wieħed
l-ilmijiet ta' taħt is-sema,
u qegħedtilhom it-truf tagħhom
biex tagħżilhom mill-art niexfa.

2.
F'dan it-tielet jum, il-ħxejjex
nibtu taħt idejk setgħana,
biż-żerriegħa, skond il-għamla
ta' kull siġra bil-frott tagħha.

3.
Hekk, Mulej, bil-grazzja tiegħek,
saqqi llum lil ruħna niexfa
bid-dmugħ safi ta' l-indiema,
ħalli tagħti frott l-imħabba.

4.
Tiha l-qawwa, sabiex tisma'
minnek biss, u l-ħażen taħrab;
tfittex l-hena tagħha f'ġidek,
li mill-mewt iżommha ħielsa.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. Il-Mulej rebbaħ lis-Sultan, il-Midluk tiegħu.
L-Għid: Issa ġiet is-saltna ta' Alla tagħna, u s-setgħa tal-Messija tiegħu, hallelujah.

**Salm 19 (20)**

Jisimgħek il-Mulej fi żmien in-niket; *
iħarsek l-isem ta' Alla ta' Ġakobb!

Mit-tempju mqaddes tiegħu jibgħatlek l-għajnuna, *
u minn Sijon jagħtik is-saħħa.

Jiftakar fl-offerti tiegħek kollha, *
u jilqa' bil-qalb is-sagrifiċċju tiegħek.
Jagħtik dak li tixtieq qalbek, *
u jtemm il-ħsibijiet tiegħek kollha.
Naqbżu bil-ferħ għar-rebħa tiegħek, †
ngħollu l-bnadar f'isem Alla tagħna. *
Jagħtik il-Mulej kull ma titolbu!

Jien issa naf li l-Mulej *
irebbaħ lis-sultan, il-midluk tiegħu,
u jwieġbu mis-sema mqaddes tiegħu, *
bir-rebħa qawwija tal-leminija tiegħu.

Xi wħud fil-karrijiet, oħrajn fiż-żwiemel, *
imma aħna f'isem il-Mulej Alla l-qawwa tagħna.
Huma jixxenglu u jaqgħu: *
imma aħna b'saħħitna, weqfin fuq riġlejna.

Mulej, salva s-sultan; *
weġibna meta nsejħulek.

Ant. Il-Mulej rebbaħ lis-Sultan, il-Midluk tiegħu.
Ant. 2 Ngħannu u nfaħħru s-saħħa tiegħek, Mulej.
L-Għid: Int ħadt il-qawwa kbira tiegħek u bdejt issaltan, hallelujah.

**Salm 20 (21), 2-8.14**

Mulej, bil-qawwa tiegħek jifraħ is-sultan; *
kemm jithenna bir-rebħa tiegħek!
Ix-xewqa ta' qalbu int qtajthielu, *
ma ċħadtlux it-talb ta' fommu.
Għax inti lqajtu bil-barka u r-riżq, *
kuruna ta' deheb fin qegħidtlu fuq rasu.
Il-ħajja talbek, u int tajthielu, *
għomor twil minn żmien għal żmien.

Kbir hu sebħu bir-rebħa li tajtu; *
ġieħ u ġmiel int tqiegħed fuqu.
Lilu tagħti barkiet għal dejjem, *
tferrħu u thennih bis-sebħ ta' wiċċek.
Għalhekk is-sultan fil-Mulej jittama, *
għall-ħniena ta' l-Għoli qatt ma jitħarrek.

Tkabbar, Mulej, bil-qawwa tiegħek! *
Ħa ngħannu u nfaħħru s-saħħa tiegħek.

Ant. Ngħannu u nfaħħru s-saħħa tiegħek, Mulej.
Ant. 3 Mulej, għamiltna għal Alla tagħna saltna u qassisin.
L-Għid: Lilek jaqdu l-ħlejjaq kollha, għax int tkellimt u huma saru, hallelujah.

**Kantiku (Apok 4,11; 5, 9.10.12)**

Mulej Alla tagħna, jisħoqqlok tirċievi *
l-glorja, il-ġieħ u l-qawwa,
għax int ħlaqt il-ħwejjeġ kollha; *
bir-rieda tiegħek kienu u nħalqu.

Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb *
u tikser is-siġilli tiegħu,
għax int qatluk, u b'demmek ksibt għal Alla *
bnedmin minn kull tribù u lsien,
minn kull poplu u ġens,
u għamilthom għal Alla tagħna Saltna u Qassisin *
li għad isaltnu fuq l-art.

Il-Ħaruf li kien maqtul jistħoqqlu jirċievi †
l-qawwa, l-għana, l-gherf u s-saħħa, *
il-ġieħ u l-glorja u t-tifħir.
Ant. Mulej, għamiltna għal Alla saltna u qassisin.

**LEZZJONI QASIRA 1 Ġw 3,1a.2**

Araw b'liema mħabba ħabbna l-Missier: nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna. Għeżież, issa nafu li aħna wlied Alla, imma x'se nkunu 'l quddiem ma hux muri lilna. Madankollu nafu li, meta jidher hu, aħna nkunu bħalu, għax narawh kif inhu.

**RESPONSORJU QASIR**

R. Mulej, għal dejjem * Tibqa' l-kelma tiegħek. Mulej.
V. Il-fedeltà tiegħek minn nisel għal nisel * Tibqa' l-kelma tiegħek. Glorja. Mulej.

Ant. tal-kant. ta' Marija L-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla, is-Salvatur tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.
Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta’ driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f’qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b’kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom ‘il barra b’xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b’riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta’ Marija L-Ispirtu tiegħi jifraħ f’Alla, is-Salvatur tiegħi

**PREĊI**

Sidna Ġesù jgħix fostna, il-poplu miksub tiegħu. Infaħħruh, u mix- xejn tagħna nitolbuh:
*Ismagħna, Mulej, għat-tifħir tiegħek.*
Mulej, li ssaltan u taħkem fuq il-ġnus, ieqaf mal-popli u ma’ dawk li għandhom is-setgħa fuqhom:
- għinhom jaħdmu id f’id skond il-liġi tiegħek għall-ġid ta’ kulħadd.
Int fdejtna mill-jasar tad-dnub u għamiltna qaddejja tiegħek:
- ħenn għal dawk ħutna li huma mjassra fil-ġisem jew fl-ispirtu u roddilhom id-dinjità ta’ l-ulied ħielsa.
Ħeġġeġ liż-żgħażagħ tagħna ħa jfittxu dejjem li jkunu bla għajb quddiemek:
- agħtihom qalb kbira biex jilqgħu s-sejħa tiegħek.
Nissel fit-tfal tagħna x-xewqa li jsiru jixbhu lilek:
- mexxihom bla heda ‘l quddiem fl-għerf u l-grazzja.
Ilqa’ lil ħutna l-mejtin fis-saltna ta’ dejjem:
- qawwi fina t-tama li għad insaltnu magħhom.

**Missierna**

**Talba**

Mulej, Alla li tista’ kollox, aħna niżżuk ħajr ta’ din il-ġurnata li tajtna; bl-umiltà kollha nitolbuk biex il-qima li qegħdin nagħtuk b’idejna merfugħa ‘l fuq titla’ quddiemek u tkun togħġbok bħas-sagrifiċċju filgħaxija. B’Ibnek.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta’ dejjem.
**Amen.**